



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 1768/2013, imressqa minn Ria Martakis, ta' ċittadinanza Griega, dwar il-legalità tal-għoti ta' self mill-bank fi franki Svizzeri fil-Greċja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tistaqsi jekk huwiex legali li jingħata self mill-bank fi franki Svizzeri fil-Greċja, speċjalment meta l-bank ikkonċernat m'għandux persunal imħarreġ biex jinforma lill-mutwatarji prospettivi dwar il-prodott ta' investiment partikolari. Hija titlob ukoll linji gwida dwar kif tilqa' għal miżuri meħuda mill-bank, peress li l-ammont tas-self ikkonċernat huwa għoli wisq, minħabba bidliet kostanti fir-rata tal-kambju bejn l-euro u l-frank Svizzeru, u issa hija għandha diffikultajiet finanzjarji.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

L-ebda qafas leġislattiv dwar self ipotekarju ma kien fis-seħħ fil-livell tal-UE fil-perjodu 2007/2008. Il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni dwar informazzjoni prekontrattwali li tingħata lill-konsumaturi mill-mutwanti li joffru self fuq id-djar fl-1 ta' Marzu 2001, madankollu, il-linji gwida inkorporati fir-rakkomandazzjoni kienu maqbula f'forma ta' Kodiċi Volontarju ta' Kondotta bejn s-settur tas-self ipotekarju u l-gruppi tal-konsumaturi. Dan il-kodiċi ma rreferiex b'mod speċifiku għal self f'munita barranija u ma kienx jorbot lill-mutwanti. Abbażi tal-informazzjoni li għandha f'idejha, il-Kummissjoni ma

tistax tikkonkludi jekk il-Kodiċi Volontarju kienx segwit b'mod strett mill-istituti individwali matul il-perjodu 2007/2008. Nifhmu li l-applikazzjoni tal-Kodiċi Volontarju mill-istituzzjonijiet finanzjarji Griegi kienet sostanzjali sa mill-bidu nett. L-allegat nuqqas tal-banek Griegi li jinfirmaw lill-klijenti tagħhom b'mod xieraq dwar ir-riskji possibbli ta' munita barranija għandu għaldaqstant jiġi eżaminat ukoll skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali Griega ta' dak iż-żmien.

F'Marzu 2011 il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju (MCD), li ġiet adottata fl-4 ta' Frar 2014. L-Istati Membri għandhom jitttrasponu id-Direttiva Nru 2014/17/UE fid-dritt nazzjonali sa mhux aktar tard mill-21 ta' Marzu 2016. Id-Direttiva tintroduċi miżuri transsettorjali li japplikaw għal kull tip ta' kreditu ipotekarju, eż. dispożizzjonijiet ta' livell għoli dwar ir-rimunerazzjoni sabiex jiġi limitat it-teħid ta' riskju eċċessiv, rekwiżiti ta' konozzenza u kompetenza tal-persunal, u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni rilevanti lill-konsumaturi qabel ma jkun konkluż il-kuntratt ta' kreditu (Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzata)¹. It-test jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar self b'rata varjabbli u dwar self f'munita barranija. L-Artikolu 23 jesiġi li l-Istati Membri, fejn kuntratt ta' kreditu jirrigwarda self f'munita barranija, għandhom jistabbilixxu qafas xieraq li joffri lill-konsumatur id-dritt għal li jikkonverti għal munita alternattiva f'kundizzjonijiet speċifikati, jew li joffri arranġamenti oħra biex jillimitaw ir-riskju tar-rata tal-kambju li l-konsumatur huwa espost għalih. L-arranġamenti oħra jistgħu, pereżempju, ikunu limiti massimi jew twissijiet ukoll, dment li huma suffiċjenti biex jillimitaw ir-riskju tar-rata tal-kambju. Madankollu, għall-fini taċ-ċertezza tad-dritt u skont kif previst fl-Artikolu 43, id-dispożizzjonijiet tal-MCD ma japplikawx għal kuntratt ta' kreditu eżistenti qabel il-21 ta' Marzu 2016.

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fil-21 ta' Settembru 2011 indirizza rakkomandazzjoni² lill-awtoritajiet kompetenti kollha sabiex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi li jirriżultaw minn self f'munita barranija. Abbażi tal-informazzjoni li rċieva, il-BERS ikkunsidra lill-Greċja fir-rapport ta' segwitu³ bħala totalment konformi ("fully compliant").

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 2005/29/KE, jesiġu lill-kummerċjanti jagħtu tagħrif li l-konsumaturi jeħtieġu sabiex jagħmlu deċizzjoni informata tax-xiri, b'manjiera ċara, intelliġibbli u f'waqtha, bħal il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott jew servizz offrut, inklużi r-riskji u r-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva Nru 2005/29/KE⁴ u

¹ Il-fuljett prekuntrattwali "FEIS" jissostitwixxi l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta għal self li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

² HYPERLINK "<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2011:342:0001:0047:mt:PDF>"
<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2011:342:0001:0047:mt:PDF>

³ HYPERLINK

"http://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/recommendations/2013/ESRB_2013_2.en.pdf?e48c0195897f850f84879712ce2f2cf7"

http://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/recommendations/2013/ESRB_2013_2.en.pdf?e48c0195897f850f84879712ce2f2cf7 Il-Greċja kienet ivvalutata totalment konformi bis-sħiħ f'2 minn 7 rakkomandazzjonijiet. Għal bqija tal-5 rakkomandazzjonijiet, l-awtorità nazzjonali kompetenti tat spjegazzjonijiet suffiċjenti biex tiġġustifika in-nuqqas ta' azzjoni. Id-data għas-segwitu ingħatat mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, iżda din kienet analizzata minn grupp ta' ħidma transkonfinali abbażi ta' kriterji identiċi.

⁴ "Niksbu livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur Nibnu l-fiduċja fis-Suq Intern" COM(2013)138 final.

r-Rapport¹ li jakkumpanjaha adottat fl-14 ta' Marzu 2013 jidentifikaw oqsma ewlenin fejn l-infurzar għandu jiżdid, inkluż is-settur tas-servizzi finanzjarji. Il-prijoritajiet għall-azzjoni jinkludu it-tisħiħ tad-dokument ta' gwida tal-2009, jiġu estenzi u organizzati sessjonijiet ta' ħidma tematiċi mal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar dwar oqsma ta' tħassib serju għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni reċentament nediet kampanja ta' sensibilizzazzjoni bil-għan li żżid l-għarfien ġenerali tad-drittijiet tal-konsumatur kif ukoll għażliet tal-infurzar f'oqsma varji. Din se tkun mifruxa f'numru ta' Stati Membri fosthom il-Greċja.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda setgħa ta' infurzar fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi li setgħu kisru d-dritt tal-UE fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur u ma tistax tivvaluta każijiet individwali bejn konsumaturi u kummerċjanti partikolari, ħaġa li spiss teħtieġ il-valutazzjoni tal-fatti.

Għaldaqstant, il-petizzjonanta hija mistiedna tressaq il-każ tagħha għall-attenzjoni tal-awtorità kompetenti Griega, lill-Ministeru tal-Iżvilupp u l-Kompetittività, li d-dettalji ta' kuntatt tagħhom huma s-segwenti:

Ministeru tal-Iżvilupp u l-Kompetittività
Direttorat għal Politika u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Platia Kaniggos
GR-10181 Aten
Tel: +30 210 3801507
Numru tal-fax: +30 210 3841832
E-mail: info@efpolis.gr
HYPERLINK "<http://www.efpolis.gr>" www.efpolis.gr

Sabiex tirċievi konsulenza legali xierqa rigward l-azzjonijiet li hija tista' tiegħu sabiex tinforza d-drittijiet tagħha bħala konsumatur, il-petizzjonanta tista' tikkuntattja wkoll assoċjazzjoni tal-konsumatur. Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-Greċja tinsab fil-link li ġej, wara li tagħfas fuq il-pajjiż rilevanti:

http://ec.europa.eu/consumers/solving_consumer_disputes/non-judicial_redress/ecc-net/index_en.htm

¹ COM(2013) 139 final.